**21 ta' Frar, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Antonio Zammit

*versus*

Carmela mart l-istess Antonio Zammit

**Kompetenza — Residenza Legali tal-Mara Miżżewġa Art. 742 u 746 Kap. 15.**

*L-mara miżżewġa titqies li għandha r-residenza fil-lok fejn joqgħod żewġha, jekk ma tkunx mifruda minnu, ukoll għall dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġa.*

*Din il-presunzjoni, jiġifieri r-residenza legali tal-mara miżżewġa tispiċċa, biex tgħati lok għar-residenza reali, biss meta jirrikorru flimkien iċ-ċirkostanzi li issemmi l-istess liġi, jiġifieri meta jkun hemm separazzjoni legali bejn il-mara u ir-raġel, u din is-separazzjoni tkun ġiebet magħha l-konsegwenza li l-mara tkun tista toqgħod fil-każi, tamministra ħwejjiġha, u tagħmel minnhom mingħajr il ħtieġja ta' l'awtorizzazjoni jew tal kunsens ta' żewġha.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — wara li ppremetta illi l-konvenuta naqset middmir tagħha li tgħammar, flimkien ma' wliedha minuri Josephine, Joan, Anthony, Edward u Raymond, ma' żewġha, l-attur, fid-dar konjugali stabilita minnu, u illi qed tirrifjuta li tikkonsenja l-imsemmija tfal minuri lil żewġha, u illi l-aġir tagħha huwa kuntrarju għad-dritt ta' patria potesta tal-attur fuq uliedu minuri — talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti

opportuni, l-istess konvenuta tiġi kundannata tikkonsenjalu t-tfal tiegħu minuri Josephine, Joan, Anthony, Edward u Raymond, aħwa Zammit, fi żmien qasir u perentorju taħt dawk il-provvedimenti li l-Qorti jogħġobha tagħti. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha ssottomettiet: (a) preliminarjament, li dina l-Qorti hija nkompetenti tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża billi hija toqgħod Għawdex, u (b) bla preġudizzju tal-premess, ġa teżisti sentenza, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti li biha ġie ordnat li t-tfal indikati fiċ-ċitazzjoni għandhom joqgħodu magħha.

Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti fuq indikata fis-sebgħa (7) ta' Novembru, 1963, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, bl-ispejjeż kontra l-attur, wara li dik il-Qorti kkunsidrat:—

*Omissis*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu għar-revoka ta' l-imsemmija sentenza billi jiġi dikjarat li hi kompetenti tiex tieħu konjizzjoni tal-kawża l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża.

Semgħat lid-difensuri tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Kif sewwa ingħad fis-sentenza appellata l-eċċezzjoni

ta' l-inkompetenza ġiet opposta mill-konvenuta minħabba l-benefiċċju msemmi fil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 742 tal-Kodiċi tal-proċedura ċivili mogħti mill-artikolu 768 ta' l-istess kodiċi lil persuni li joqogħdu fil-Gzira ta' Għawdex jew Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-Gzejjer peress li l-konvenuta tirrisiedi f'Għawdex. Pero, l-attur, żewġha, joqgħod f'Malta u ma hemmx bejniethom separazzjoni legali.

L-artikolu 746 tal-Kodiċi ċitat jirregola l-kompetenza bejn Qorti u oħra ta' dawn il-Gżejjer minħabba r-residenza presunta tal-partijiet li jkunu assenti jew inkapaċi, jew tal-korpi jew persuni morali, meta l-kawża ma tkunx, għal-raġunijiet oħra, ta' kompetenza esklusiva ta' xi waħda min dawn il-Qrati, u fl-inċis (d) ta l-istess artikolu jingħad li "L-mara miżżewġa titqies li għandha r-residenza fil-lok fejn joqgħod żewġha, jekk ma tkunx mifruda minnu, wkoll għal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha.

B'din il-presunzjoni, il-liġi tattribwixxi r-residenza legali lil-mara miżżewġa li ma tkunx separata, anke għal dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' ħwejjiġha, u dan minħabba l-individwalita tal-ħajja konjugali li in forza tagħha l-mara għandha tisma min żewġha, tgħammar miegħhu u takkompanjah kull fejn jidhirlu opportun li jiffissa r-residenza tiegħu.

Din il-presunzzjoni, iġifieri r-residenza legali tal-mara miżżewġa, tispiċċa, biex tagħti lok għar-residenza reali, biss meta jirrikorru flimkien iċ-ċirkostanzi li ssemmi l-istess liġi, jiġifieri meta jkun hemm separazzjoni legali bejn il-mara u r-raġel u din is-separazzjoni tkun ġiebet magħha i-konsegwenza li l-mara tkun tista toqgħod fil-kawżi; tamministra ħwejjiġha, u tagħmel minnhom mingħajr il-ħtieġa ta' l-awtorizzazzjoni jew tal-kunsens ta' żewġha, għaliex

allura s-separazzjoni hi kompleta u tispiċċa għal *kollox l-*individwalita tal-ħajja konjugali, jiġu nieqsa ż-żewġ elementi li minnhom tidderiva l-unita tar-residenza, u cioe l-obbligu tal-koabitazzjoni u l-awtorita maritali.

Kwindi, il-fatt biss li ma jkunx hemm mill-ħtieġa ta' l-awtorizazzjoni jew tal-kunsens tar-raġel mhux biżżejjed biex iġiegħel li tispiċċa l-imsemmija presunzzjoni (*ir-residenza legali), imma jeħtieġ li jkun hemm ukoll is-separazzjoni* definitiva legalment magħmula għaliex il-mara mingħajra tibqa bir-residenza ta' żewġha anke jekk fil-fatt ma tkunx tabita miegħu, sija bil-kunsens tiegħu jew mingħajru, billi l-liġi ma tieħux in konsiderazzjoni dana l-istat ta' fatt li hu opera tal-volonta tal-konjuġi, imma tikkunsidra biss l-istat leġittimu tal-konvivenza tagħhom.

*Għal dawn il-motivi:*

Tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' l-ewwel Qorti adita billi tiddikjara li dik il-Qorti hi kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, u tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-istess Qorti sabiex tissokta t-trattazzjoni ta' l-istess kawża.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mil-konvenuta appellata.